L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 8 ta' April 2005

**Lejn ekonomija primittiva**

Gvern Nazzjonalista mmexxi minn Dr Gonzi apparti li garrab tliet telfiet elettorali konsekuttivi zgur li se jibqa' mnizzel fl-istorja ghal kif sar gvern li qieghed jattakka kull istituzzjoni, partit jew union possibbli u li qieghed jigI attakkat lura minnhom.

L-attakki fuq Partit Nazzjonalista 2005 (specjalment wara t-12 ta' Marzu) huma gejjin mill-poplu (haddiem jew mhux) permezz ta' vot ta' sfiducja kbira fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li juri wkoll vot ta' fiducja kbira fl-oppozizzjoni Laburista u mill-'unions' u l-imsiehba socjali kollha kollettivament u individwalment.

Gejjini wkoll attakki minn gewwa l-Partit stess permezz ta' nies differenti li l-gimgha l-ohra lahqu l-qofol b'artikli ta' l-ex-Ministru u ex-kandidat ghal mexxej tal-PN John Dalli. Gejja kritika kbira fuq il-Partit Nazzjonalista minn sorsi stess ta' l-UE li wrew bic-car li Malta tinsab fl-ahhar tal-lista fejn jidhol l-ilhuq tal-miri ta' progress skond l-Agenda ta' Lisbona.

Gejna wkoll pogguti statistikament minn l-ahhar bhala deficit tal-pajjiz u qegdin dejjem nezlin 'l isfel bhala statistika fejn jidhol il-qghad.

Attakki ohrajn huma imminenti fuq l-istess partit fil-gvern mill-ETUR (il-korporazzjoni ta' Trade Unions Ewropej) illi kellha bilfors tingibdilha l-attenzjoni wara li, fil-fehma tieghi u fil-fehma ta' kull min jifhem, il-Gvern wettaq dnubiet kontra drittijiet tal-haddiema fir-rigward tal-haddiema ta' l-Enemalta li obdew direttivi tal-GWU.

Izda li verament huwa nkwetanti hija d-difiza tal-Gvern (jew certi persuni fih) lill-intraprendituri li pappewh a' skapitu tal-haddiema. Id-'dnubiet industrijali' li qieghded jikkommetti Dr Gonzi m'humiex semplicement venjali imma mejtin. Gvern Nazzjonalista ghamel mandat lill-GWU ghax hadet azzjoni industrijali fit-Tarzna. U dan ma giex milqugh mill-Qorti. Issa fil-kaz ta' l-Enemalta Gvern Nazzjonalista qieghed jipprova jgieghel lill-haddiema jiffirmaw kontra d-drittijiet taghhom u jissospendilhom l-impjieg ghax obdew direttivi ta' l-Union. F'termini legali dawn tassew huma dnubiet mejtin.

Li jinkwetani wkoll huwa li apparti dawn l-attakki kollha tal-gvern fuq id-drittijiet tal-haddiema u apparti l-attakki lejn il-Gvern minn gewwa u minn barra, minn isfel u minn fuq, minn Malta u mill-Unjoni u l-arroganza tal-gvern li jibqa' jwahhal f'haddiehor ghall-andament ekonomiku fil-pajjiz - m'ghandna qatt ninsew kemm ghalqu fabbriki u lukandi matul tmexxija minn Gonzi. Dawn kienu assi li kienu jipprovdu l-impjiegi u li qeghdin jigu trasformati f'hafna appartamenti - appartamenti li tant ikunu jistghu jinxtraw bi prezz gholi li difficli li jinxtraw mill-istess Maltin! Dan f'pajjiz li diga' jinsab mifni minn hafna kazijiet ta' 'redundancies' u skemi bhal dik ta' l-irtirar kmieni.

Nies li ghandhom impjieg qeghdin jitilfu t-tama li jekk xi darba jkun hemm xi theddida li jitilfuh Gvern Nazzjonalista mhux se jhallihom juzaw l-ghodda tat-trade unjonizmu u jibghat lis-Segretarju qisu xi anglu bil-messagg ta' l-anti-trade unjonizmu jinnegozja flok ma jmur hu personali.

Il-fabbriki maghluqin fl-oqsma ndustrijali u l-lukandi vojta mhumiex biss monumenti ta' inqas opportunitajiet ta' impjiegi.  Dik kulhadd jifhimha mal-ewwel.  Li mhux kulhadd jifhem mal-ewwel huwa l-fatt li f'dan lc-cimiterju tal-fabbriki u l-lukandi maghhom, fl-istess qabar, qeghdin bil-mod il-mod, jindifnu d-drittijiet tal-haddiema kif miktubin fil-ligijiet.

Kulhadd ghandu jiggieled flimkien biex dan ma jsehhx.  Biex ikollna ekonomija b'sahhitha u drittijiet tal-haddiema b'sahhithom ghandna niggieldu biex fejn waqghu l-fabbriki jitilghu ohrajn u fejn waqghu l-lukandi jitilghu ohrajn.

B'hekk biss nistghu ma mmorrux lura lejn ekonomija primittiva.